31995R2805

L 291/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 6.12.1995

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 2805/95

## tal-5 ta' Diċembru 1995

## li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-inbid u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2137/93

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fl-inbid (1), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1544/95 (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 55(8) tiegħu,

Billi, skond l-Artikolu 55 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87, sal-punt neċessarju biex jippermettu l-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2)(a), (b) u (c) ta' dak ir-Regolament li jkun esportat fuq il-bażi tal-prezzijiet għal dawk il-prodotti fuq is-suq dinji u fi ħdan il-limiti tal-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni tal-esportazzjoni;

Billi għandu jkun hemm kunsiderazzjoni wkoll għall-ispejjeż ta' dawn il-prodotti, tal-aspetti ekonomiċi tal-esportazzjonijiet proposti, u tal-bżonn biex jiġu evitati distorzjonijiet fuq is-suq tal-Komunità; billi, madankollu, meta jiġi ffissat l-ammont tar-rifużjonijiet applikabbli lill-inbejjed tal-likur, għandu jiġi kunsidrat id-differenza bejn il-prezzijiet tal-Komunità u l-prezzijiet tas-suq dinji fir-rigward biss tal-inbid u l-musti wżati fil-manifattura tal-inbejjed tal-likur, peress li l-ebda tali differenza hija rekordjata fir-rigward tal-prodotti wżati fil-manufattura ta' l-inbejjed in kwistjoni;

Billi s-sitwazzjoni tan-negozju internazzjonali jew il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq jistgħu jagħmluh neċessarju li tkun varjata r-rifużjoni skond l-użu jew id-distinzjoni ta' prodott speċifiku;

Billi l-ftehim dwar l-agrikoltura konkluż fl-Uruguay Round ta' negozjati kummerċjali multilaterali jipprovdi għal impenji annwali fir-rigward ta' infieq fuq rifużjonijiet tal-esportazzjoni; billi l-Artikolu 55(7) tar-Regolament (KEE) Nru 822/87 jistipula illi dawk l-impenji għandhom jiġu mħarsa fuq il-bażi tal-liċenzi tal-esportazzjoni maħruġa; billi l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/95 tal-11 ta' Lulju 1995 dwar l-arranġamenti għall-ħruġ ta' liċenzi tal-esportazzjoni għal prodotti fis-settur tal-inbid u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3388/81 li jistipula regoli dettaljati speċjali fir-rigward ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni fis-settur tal-inbid (3) jistipula regoli preċiżi dwar dawk il-miżuri;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2137/93 tat-28 ta' Lulju 1993 li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-inbid u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 646/86 (4), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 582/95 (5), jiffissa l-ammont tar-rifużjoni għal ċerti prodotti għal kull ettolitru u għal kull grad ta' alkoħol; billi huwa possibbli biss li jkun stabbilit il-grad tal-alkoħol fil-ħin ta' l-esportazzjoni, fiċ-ċertifikat tal-analiżi riferit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3389/81 tas-27 ta' Novembru 1981 li jistipula regoli dettaljati għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-inbid(6), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2730/95 (7); billi, bħala riżultat, mhuwiex possibbli li jiġi evalwat l-infieq fuq l-esportazzjoni fuq il-bażi ta' liċenzi maħruġin u li jittieħdu l-miżuri provduti għalhekk fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1685/95;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ffissat l-ammont tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal kull ettolitru għat-tipi varji ta' prodotti fis-settur, mingħajr ma jingħata każ tal-grad tagħhom ta' alkoħol; billi, bil-għan ta' ċarezza, r-Regolament (KEE) Nru 2137/93 għandu jiġi mħassar u ċerti pajjiżi għandhom jitneħħew mil-lista ta' pajjiżi terzi li fir-rigward tagħhom japplikaw ir-rifużjonijiet;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni provduti għalhekk fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87 huma ffissati fl-Anness ta' hawn.

2. Ir-Regolament (KEE) Nru 2137/93 qiegħed hawnhekk jiġi mħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi publikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, fil-5 ta' Diċembru 1995.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-Prodott | Għall-esportazzjoni [1] | Rifuzjonijiet (ECU/hl) |
|---|---|---|---|
| 2009 60 11<br>2009 60 19<br>2009 60 51<br>2009 60 71<br>2204 30 92 | 100 | 01 | 82 612 |
| 2204 30 94 | | | 21 888 |
| 2204 30 96 | | | 82 612 |
| 2204 30 98 | | | 21 888 |
| 2204 21 79<br>2204 21 79<br>2204 21 83 | 120<br>220<br>120 | 02 u 09<br>02 u 09 | 4 782 |
| 2204 21 79<br>2204 21 80 | 180<br>180 | 02 | 21 217 |
| 2204 21 79<br>2204 21 80 | 180<br>180 | 09 | 19 854 |
| 2204 21 79<br>2204 21 80 | 280<br>280 | 02 | 2 484 |
| 2204 21 79<br>2204 21 80 | 280<br>280 | 09 | 23 244 |
| 2204 21 83<br>2204 21 84 | 180<br>180 | 02 | 2 898 |
| 2204 21 83<br>2204 21 84 | 180<br>180 | 09 | 27 118 |
| 2204 21 79 | 910 | 02 u 09 | 4 782 |
| 2204 21 94<br>2204 21 98 | 910 | 02 u 09 | 1 500 |
| 2204 29 62<br>2204 29 64<br>2204 29 65<br>2204 29 83 | 120 | 02 u 09 | 4 782 |
| 2204 29 62<br>2204 29 64<br>2204 29 65 | 220 | 02 u 09 | 4 782 |
| 2204 29 62<br>2204 29 64<br>2204 29 65<br>2204 29 71<br>2204 29 72<br>2204 29 75 | 180 | 02 | 21 217 |
| 2204 29 62<br>2204 29 64<br>2204 29 65<br>2204 29 71<br>2204 29 72<br>2204 29 75 | 180 | 09 | 19 854 |
| 2204 29 62<br>2204 29 64<br>2204 29 65<br>2204 29 71<br>2204 29 72<br>2204 29 75 | 280 | 02 | 24 840 |

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-Prodott | Għall-esportazzjoni (1) | Rifuzjonijiet (ECU/hl) |
|---|---|---|---|
| 2204 29 62<br>2204 29 64<br>2204 29 65<br>2204 29 71<br>2204 29 72<br>2204 29 75 | 280 | 09 | 23 244 |
| 2204 29 83<br>2204 29 84 | 180 | 02 | 28 980 |
| 2204 29 83<br>2204 29 84 | 180 | 09 | 27 118 |
| 2204 29 62<br>2204 29 64<br>2204 29 65 | 910 | 02 u 09 | 4 782 |
| 2204 29 94<br>2204 29 98 | 910 | 02 u 09 | 1 500 |

(1) Id-desintazzjonijiet huma li ġejjin:
01 — Il-Libya, In-Niġerja, Kamerun, Gabon,
— L-Arabja Sawdita, Emirati Għarab Magħquda, L-Indja, It-Tajlandja, Vjetnam, L-Indoneżja, Il-Malażja, Brunei, Singapore, Il-Filippini, Iċ-Ċina, Il-Korea, Il-Ġappun, It-Tajwan,

02 Kull pajjiż tal-kontinent Afrikan bl-eċċezzjoni ta' dawk speċifikament eskluż skond 09,

09 a 02 kull destinazzjoni minbarra dawk fl-02, bl-eċċezzjoni tal-pajjiżi tat-tielet dinja u t-territorji li ġejjin:
— kull pajjiż fil-kontinent Amerikan skond it-tifsira tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 208/93 (ĠU L 25, tat-2.2.1993, p.11)
— L-Alġerija,
— L-Awstralja,
— il-Bożnja Herżegovina,
— Il-Kroazja,
— Ċipru,
— L-Iżrael,
— Il-Marokk,
— Ir-Repubblika tas-Serbja u Montenegro,
— L-Islovenja,
— Afrika t'Isfel,
— L-Isvizzera,
— L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja,
— Tunes,
— It-Turkija,
— L-Ungerija,
— Il-Bulgaria,
— Ir-Rumanija.